# Il-Messaġġ jerġa' jitħabbar

Perit Joe Bugeja



Kien ħsieb għaqli u nobbli li wassal biex fil-bidu nett ta' dan is-seklu jingħataw it-termini li fuqhom kellha tkun impittra l-Kolleġġjata iddedikata lil Sant' Elena. Filwaqt li l-pittur magħżul, jiġifieri Virginio Monti, kellu l-kapaċità tar-rappreżentazzjoni pittorika, kien mistenni ukoll ikun sensibbli u profond fil-messaġġ spiritwali mitlub minnu.

Fit-tnax ta' Diċembru tal-1903, jum San Tumas l-Appostlu, minn Palermo intbgħat dokument fundamentali fl-iżvilupp pittoriku tal-Bażilika. Dan il-manu-skritt, li fil-lingwaġġ tal-lum nistgħu insejħulu 'milestone', ħareġ mill-id prezzjuża tas-Saċerdot Dottore Salvatore di Pietro. Fis-sapjenza tiegħu, di Pietro ħoloq il-kunċett ewlieni li kellu jinqara mill-pittura: "It-Testment il-Ġdid u dak Qadim jikkonkorru fit-Trijonf tas-Salib." L-universalità u l-ampjezza ta' dan il-ħsieb nobbli kellhom jiġu interpretati f'kull dimensjoni tax-xogħol. Hekk naqraw fil-manuskritt li l-mixja man-navata ċentrali minn spazju artkitettoniku għall-ieħor kellha twassal, bil-ħila ta' episodji mill-ħajja ta' Sant'Elena u rappreżentanza mit-Testment il-Ġdid u dak Qadim, għall-quċċata tat-tema fil-koppla.

Billi meta di Pietro uża l-kelma 'concorrono' meta ġie biex jispjega l-unità ta' ideal fiż-żewġ Testmenti lejn is-Salib, dan il-bilanċ Divin kellu jirrifletti wkoll f'kull sezzjoni arkitettonika b'mod individwali. Għalhekk dawn is-seba' sezzjonijiet (tlieta fin-navata ċentrali, tnejn tal-kappelluni, wieħed tal-kor u dak ċentrali tal-koppla) għandhom, f'kull wieħed minnhom, rappreżentanza miż-żewġ Testmenti fi gradazzjoni xierqa, filwaqt li s-Salib jieħu l-attenzjoni prinċipali fit-tema ta' l-episodju singolari mill-ħajja tal-Padruna Sant'Elena.

Il-manuskritt ta' di Pietro għadda f'idejn l-artist Monti. Dan, kif qara dawn il-ħsibijiet, intela b'ispirazzjoni u wiżen l-isfida kbira quddiemu. L-orgolju fil-bniedem imwieled motivat huwa mutur ewlieni li jwassal għal esekuzzjoni ta' opri kbar li jibqgħu tul iż-żminijiet. Hekk ġara meta Virginio Monti aċċetta li jinterpreta pittorikament il-ħsibijiet ta' di



9



10



11



12

**1.** Dettal kif restawrat fl-istudjo.
**2.** L-istess dettal qabel ir-restawr fl-istudjo.
**3, 4 u 5.** Dettal fl-istudjo.
**6.** Is-saqaf tal-Kappella tal-Kurċifiss qabel ir-restawr.
**7 u 8.** Dettalji fl-istudjo.
**9.** Is-saqaf tal-Kappella tal-Kurċifiss wara ir-restawr.
**10.** Is-saqaf tal-Kor wara ir-restawr.
**11.** L-istat tas-saqaf tal-Kappella tar-Rużarju illum.
**12.** Il-Koppla wara ir-restawr.






7



8

Pietro. Mhux biss eċċella fil-kompożizzjoni, fit-teknika u fil-kolorit, iżda ħoloq, fil-pjan arkwat tal-ħnejja tas-saqaf, volumi arkitettoniċi fil-kompożizzjoni stess. Ix-xenarju arkitettoniku li ħoloq fil-kappelluni huma xhieda ta' maestrija fil-perspettiva rarissima minkejja li hi impittra fuq superfiċi ta' troll. Monti pitter il-volumi ġodda biex jagħti gradazzjoni għal dik li kienet l-ordni tal-Kapitlu – il-konkorrenza għat-Trijonf tas-Salib.

Mhux ta' b'xejn li fl-1907 (jum San Duminku) il-Kanonku V. Vella, fir-reċensjoni tiegħu, wara li tlesta parti mix-xogħol (jiġifieri l-koppla u l-kor) ħassu fid-dmir li jaċċenna għall-bravura ta' dak li kien qed isir fil-Bażilika ta' Birkirkara. Din ir-reċensjoni, iddedikata lil Patri Provinċjal M. A. Gatt (Ordni Dumnikana) turi li Monti mhux biss fehem lil di Pietro iżda nterpretah b'mod superlattiv. Wieħed għalhekk jista' jifhem x'dieqa ħass il-poplu Elenjan meta biż-żmien bdiet issir ħsara lis-saqaf kawża ta' l-ilma mill-bjut.

Il-wisq mibki Rev. Kan. V. Saliba bl-approvazzjoni tal-Kapitlu ħa pass għaqli meta, fuq il-parir ta' missieri Samwel, fl-1985, iddeċieda t-teknika ta' kif ir-restawr tal-pittura għandha ssir. Meta l-Kapitlu Elenjan approva l-metodu delikat ta' l-operazzjoni, missieri, ħija Gerald u jien bdejna x-xogħol. Minħabba li konna konxji ta' l-importanza tal-pittura, kull pass li għamilna għarbilnieh għal darba tnejn. Mill-koppla għaddejna għall-kor. Mill-kor għaddejna għall-kappellun tal-Kurċifiss. Il-valuri artistiċi, l-ikonografija u l-messaġġ tal-kompożizzjoni ġew restawrati għas-saħħa oriġinali tagħhom.

Huwa sinifikattiv ħafna li proprju fl-aħħar jiem tax-xogħol fil-kappellun tal-Kurċifiss il-personalità ċentrali, ħabrieka u kapaċi tal-Kanonku V. Saliba ħallietna. Fl-aħħar ġranet ta' ħajtu deher spiritwalment preparat għall-pass li kellu jgħaddi minnu. L-axxendent pożittiv tiegħu fuqna, fuq il-ħaddiema kollha tal-maħżen u dawk li dejjem meddu idhom għax-xogħol ħa wkoll pussess fuq id-djufija ta' ġismu. Għadda minn din il-ħajja rassenjat u kuntent b'ħidmietu. Issa ġismu jinsab mistrieħ fil-kripta, taħt il-Kappella tas-Sagrament.

Dun Vinċens, kont magħna sa issa. Ibqa' ħdejna bl-ispirtu vibranti u għani tiegħek ħalli dan il-wirt artistiku, magħmul mill-bnedmin għall-Glorja ta' Alla, jerġa' jitħabbar bħala messaġġ validissimu anke f'dawn iż-żminijiet – it-Trijonf tas-Salib fil-ħajja tan-nies ta' rieda tajba.

Grazzi Kanonk li għallimtna nerfgħu s-Salib tal-ħajja.

---


*Ħajr:*

ELBROS CONSTRUCTION LTD.
li sponsorjaw kompletament dan il-fuljett.

Gerald Gili, Joe Bugeja, Ray Inguanez.